**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D., M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 588/2016 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Anna Coppola**

**Illum 6 t'April, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Anna Coppola ta' 41 sena, bin Hermann Coppola u Vincenza xebba Mizzi, mwielda gewwa l-Pieta' nhar is-6 ta' Settembru, 1975 u residenti gewwa Block 5, Flat 5, Triq Larry Vella, Triq Gdida fi, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 499075(M).

1. Billi akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, bejn il-perjodu li jkopri mill-1 ta' Jannar, 2014 sa l-1 ta' Awwissu, 2015, b'diversi atti maghmulin fi zmininijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex

tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' elf, mija u hamsa u tmenin Ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€1185.24) ghad-dannu tal-Fondazzjoni Ghal Servizzi Edukattivi u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' persuna/i ohra u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

3. U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamlet uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

4. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil l-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, xjentament ghamlet uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza;

6. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku b'abbuz tal-kariga jew impjieg taghha, ghamlet falsifikazzjoni ohra, jew xjentament ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat taghha jew ghal xi beneficju ta' xi persuna jew entita' ohra, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titolu, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impjieg taghha, jew inkella serqithom;

8. Talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettiet serq ta' flus, liema serq sar ghad-dannu tal-Fondazzjoni Ghal Servizzi Edukattivi u ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew ta' persuna/i ohra u/jew ta' entita' jew entitajiet ohra, u liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skond il-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 119 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputata fis-seduta datata 6 t'April, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', ic-certifikat tat-twelid ta' l-imputata, il-fedina penali aggornata ta' l-imputata, dokument mill-Fondazzjoni ghal Servizzi Edukattivi mmarkat bhala Dok EP1.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputata ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kif dedotti kontra taghha.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha kif registrata fis-seduta tal-lum quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq biex jekk trid, setghet terga' lura minnha u fil-fatt hija regghet tenniet l-istess ammissjoni taghha.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputata pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata irregistrat ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra taghha, u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssibha hatja taghhom.

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni bikrija hafna ta' l-impuata registrata fl-ewwel opportunita' moghtija lilha quddiem din il-Qorti, wara li rat li l-fedina penali ta' l-imputata hija wahda relattivament netta, wara li rat id-dikjarazzjoni ta' Elizabeth Pisani meta kkonfermat li l-imputata hallset dak kollu li kien pretiz mill-Fondazzjoni ghas-Servizzi Edukattivi, ma tarahiex idoneja li ghandha tigi inflitta piena ta' prigunerija effettiva u thoss li jkun iktar idoneju li f'dan il-kaz jigi applikat il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex l-imputata diga wriet li ddispjaciha ta' dak li ghamlet u anke minhabba l-fatt li ghandha impjieg fiss u rispettabbli.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b), 167(1), 169, 183, 184, 189, 127, 261(c)(d), 267, 268, 279(a), u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in vista tac-cirkostanzi kollha hawn deskritti, qed issib lill-imputata hatja fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka taghha stess u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel l-ebda reat iehor sa zmien tliet (3) snin mil-lum.**

**Illi dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ma tarax li dan ghandu jigi impost mill-Qorti fuq il-hatja u dan peress li l-istess artikolu jirrelata ma offizi fuq estorsjoni u korruzzjoni minn Ufficjali jew impjegati pubblici, u l-imputata hawnhekk ma nstabitx hatja ta' akkuzi relatati ma dan is-sub-titolu li tahtu jinsab l-Artikolu 119 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija l-imputata tigi kkundannata thallas l-ispejjez ta' l-esperti jew periti nominati skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta inkwantu ma tressqu l-ebda persuni fir-rigward.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija lill-imputata.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**